# MALTA

**ATT Nru. XIV ta' l-1991**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Att dwar il-Manumorta, Kap. 201.**

**ACT No. XIV of 1991**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Mortmain Act, Cap. 201.**

Naghti l-kunsens tieghi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

12 ta' Lulju, 1991

**ATT Nru. XIV ta' l-1991**

*ATT biex jemenda l-Att dwar il-Manumorta, Kap. 201.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-Awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1991 li jemenda l-Att dwar il-Manumorta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Manumorta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 201

**2.** Minflok it-tifsira ta' "awtoritajiet ekklesjastiċi kompetenti" fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

""awtoritajiet ekklesjastiċi kompetenti" tfisser dwar il-Knisja Kattolika Rumana, l-Arċisqof ta' Malta jew l-Isqof ta' Għawdex skond jekk il-proprjetà immobbli tkunx fil-limiti territorjali tad-djoċesi ta' Malta jew ta' Għawdex, u dwar kull knisja oħra jew istituzzjoni oħra pija jew reliġjuża li tkun tappartjeni għal denominazzjoni oħra li ma tkunx il-Knisja Kattolika Rumana, l-ogħla awtorità ta' dik id-denominazzjoni f'Malta li tista' tingħata għarfien mill-Avukat Ġenerali għall-finijiet ta' dan l-Att;".

**3.** Il-perijodu ta' disgħin ġurnata msemmi fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali, għandu għar-rigward ta' proprjetà immobbli akkwistata minn knisja jew istituzzjoni oħra pija jew reliġjuża li tappartjeni għal denominazzjoni oħra li ma tkunx il-Knisja Kattolika Rumana, f'kull żmien wara l-1 ta' Jannar, 1990, iżda qabel ma jibda jseħħ dan l-Att, jitqies li jibda għaddej mad-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att. Dispożizzjoni transitorja.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 541 tat-2 ta' Lulju, 1991.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.*

I assent.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

12th July, 1991

## ACT No. XIV of 1991

*AN ACT to amend the Mortmain Act, Cap. 201.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Mortmain (Amendment) Act, 1991, and shall be read and construed as one with the Mortmain Act, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title. Cap. 201

**2.** For the definition of "competent ecclesiastical authorities" in section 2 of the principal Act, there shall be substituted the following: Amendment of section 2 of the principal Act.

""competent ecclesiastical authorities" means in relation to the Roman Catholic Church, the Archbishop of Malta or the Bishop of Gozo according to whether the immovable property is situate within the territorial limits of the diocese of Malta or of Gozo, and in relation to any other church or other pious or religious institution belonging to a denomination other than the Roman Catholic Church, the highest authority of that denomination in Malta as may be recognised by the Attorney General for the purposes of this Act;".

**3.** The term of ninety days referred to in paragraph (b) of subsection (1) of section 8 of the principal Act, shall in relation to immovable property acquired by a church or other pious or religious institution belonging to a denomination other than the Roman Catholic Church, at any time after the 1st day of January, 1990, but before the coming into force of this Act, be deemed to commence to run on the date of the coming into force of this Act. Transitory provision.

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 541 of the 2nd July, 1991.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Acting Clerk to the House of Representatives.*

*Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – Kastilja — Published by the Department of Information – Kastilja*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 2c — *Price 2c*